**Imħallfin:**
**Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;**
**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Michel'Angelo Grech et. *versus* Antonio Gauci et.**

**Alimenti — Preskrizzjoni — Azzjoni "De in Rem Verso" — Art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-ulied huma obligati jipprestaw il-manteniment lill-ġenituri tagħhom meta dawn ikunu fil-bżonn.*

*Dan l-obligu huwa solidali bejn l-oħwa li jkunu jistgħu jipprestaw dak il-manteniment; imma dejjem fil-każ ta' sussistenza ta' dak il-bżonn da parti tal-ġenituri.*

*Għaldaqstant, jekk il-ġenituri huma proprjetarji ta' stabili, ma jistgħux jirreklamaw l-alimenti minn għand uliedhom, u dawn ma humiex tenuti jipprestawlhom l-alimenti; għax hija regola li min hu proprjetarju ta' stabili, anki ta' valur żgħir, ma għandux dritt għall-alimenti.*

*Għaldaqstant, ukoll, l-ulied li jmantnu lill-ġenituri tagħhom meta ma kienux tenuti jmantnuhom ma għandhomx azzjoni solidali kontra l-ulied l-oħra għall-ħlas ta' sehemhom minn dak il-manteniment fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponu dan l-obligu ta' l-alimenti u s-solidarjetà ta' l-istess obligu; imma jistgħu jirrepetu dak il-manteniment bis-saħħa ta' l-azzjoni "de in rem verso". U din l-azzjoni hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' ħames snin.*

Il-Qorti — Rat id-deċiżjoni minnha mogħtija fis-26 ta' Gunju 1953, fejn jinsabu miġburin id-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Novembru 1952, bil-motivi għaliha premessi, u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza opposta mill-atturi appellati, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Antonio Gauci nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi dikjarat u deċiż li l-kreditu

mbux likwidu kontra l-assijiet hemm indikati favur l-atturi Michel'Angelo u Saċerdot Giorgio, aħwa Grech, għall-manteniment prestat lill-ġenituri tagħhom, minn Michel'Angelo Grech mill-1920 sal-mewt tagħhom rispettiva, u minn Dun Giorgio Grech mill-1926 sal-mewt tagħhom rispettiva, ma għandux jiġi ammess, u għalhekk ma għandux jifforma parti mill-passiv ta' l-assijiet fuq imsemmija ta' Lorenzo u Grazia ġà miżżewġin Grech; billi għalhekk l-imsemmija sentenza tat-12 ta' Novembru 1952 tiġi revokata in kwantu ammettiet dak il-kreditu u inkludietu fil-passiv ta' l-assijiet fuq imsemmija, u tiġi konfermata għall-kumplament; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat fil-*fol.* 100 in-nota ta' l-appellant nomine, li biha oppona l-preskrizzjoni kwinkwennali għall-kreditu pretiż mill-atturi Michel'Angelo u Saċerdot Giorgio aħwa Grech għall-manteniment li huma jippretendu li pprestaw lill-ġenituri tagħhom, jew kull preskrizzjoni oħra applikabili skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant nomine;

Illi kontra l-kreditu pretiż mill-appellati Michel'Angelo u Saċerdot Don Giorgio aħwa Grech għall-manteniment tal-ġenituri tagħhom Lorenzo u Grazia ġà konjuġi Grech l-appellant oppona l-preskrizzjoni ta' ħames snin prevista fl-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Civili. L-imsemmi Lorenzo Grech miet fid-19 ta' Novembru 1938 (fol. 4), u l-imsemmija Grazia Grech, martu, mietet fil-25 ta' Lulju 1941 (fol. 5); u għalhekk, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, jiġifieri fl-14 ta' Settembru 1951, kienu għaddew tlittax il-sena mill-mewt ta' l-ewwel wieħed, u iżjed minn għaxar snin mill-mewt tat-tieni waħda. Il-preskrizzjoni eċċepita kienet għalhekk kompita meta ġiet preżentata dik iċ-ċitazzjoni; iżda l-appellanti jsostnu li dik il-preskrizzjoni tinsab interrotta billi l-attriċi Giuseppa Grech irrikonoxxiet dak id-debitu, li għalih hija tenuta solidalment ma' l-appellant nomine;

**Ikkunsidrat;**

Illi s-sottomissjoni ta' l-appellati hija bażata fuq id-dispożizzjoni tal-liġi li tobbliga lill-ulied li jipprestaw lill-ġenituri

taghhom, li jkunu fil-bżonn, il-manteniment (art. 15 tal-Kodiċi Ċivili), u fuq id-dispożizzjoni l-oħra li tirrendi dak l-obligu solidali bejn l-aħwa (art. 20 (1) Kod. ċit.). Mill-imsemmijin dispożizzjonijiet tal-liġi jirriżulta l-obligu ta' l-ulied li jipprestaw il-manteniment lill-ġenituri tagħhom "meta dawn ikunu fil-bżonn", u s-solidarjetà ta' dak l-obligu bejn l-aħwa li jkunu jistgħu jipprestaw dawk l-alimenti—dejjem fil-każ ta' sussistenza ta' dak il-bżonn da parti tal-ġenituri. Fil-każ tagħna, jirriżulta, tant minn nota ta' atturi appellati fil-fol. 6 tal-proċess, kemm minn dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li ma ġietx appellata, u għalhekk għaddiet "in giudicato", li l-imsemmijin Lorenzo u Grazia konjuġi Grech kienu proprjetarji ta' diversi stabili li baqgħu għandhom sakemm mietu u li l-lum jiffurmaw parti ta' l-attiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti tagħhom. Minħabba din iċ-ċirkustanza, huma ma setgħux jirreklamaw l-alimenti minn għand uliedhom, u dawn ma kienux tenuti li jipprestawhomlhom, billi hija regola li min hu proprjetarju ta' stabili, anki ta' valur żgħir, ma għandux dritt għall-alimenti (Kollez. Vol. XIII, paġ. 600; Vol. XVII—II—104; Vol. XXVII—II—267; Vol. XXX—II—193; u Appell 9 ta' Jannar 1933 in re "Bugelli vs. Bugelli");

**Ikkunsidrat;**

Illi, stabbilit li l-obligu ta' l-appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech għall-manteniment tal-ġenituri tagħhom ma kienx sussistenti, dak l-istess obligu lanqas kien jissussisti għar-rigward ta' l-appellant nomine, li għalhekk kontra tiegħu ma kien hemm ebda obligazzjoni solidarja fis-sens ta' l-imsemmijin artikoli 15 u 20 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Billi bil-manteniment prestat lill-ġenituri tagħhom l-appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech ġew arrikkew il-patrimonju ta' l-imsemmijin ġenituri tagħhom, fis-sens li dak il-patrimonju kien jonqos kieku kellu jservi għal dak il-manteniment, u billi t-tfal l-oħra ta' Lorenzo u Grazia Grech, kompriż l-appellant nomine, irrikavaw vantaġġ mill-prestazzjoni ta' dak il-manteniment u sejrin jikkonsegwixxu l-kwota tagħhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, l-azzjoni għall-kreditu pretiż mill-imsemmijin appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech tista' tkun dik "de in rem verso", li hija ba-

żata fuq l-ekwità, u wieħed mill-elementi essenzjali tagħha huwa l-indebitu arrikkiment;

Ikkunsidrat;

Illi dak il-kreditu ta' l-appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech huwa suġġett għall-preskrizzjoni ta' ħames snin, skond id-dispożizzjoni tal-fuq ċitat art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie diġà rilevat, dik il-preskrizzjoni kienet ilha żmien li għalqet meta ġiet promossa din il-kawża, u ma saret ebda prova li ġiet b'xi mod interrotta. Konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant nomine għandha tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li dik l-eċċezzjoni ġiet sollevata f'din l-istanza jiġġustifika l-infraskritt temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin opposta mill-appellant nomine għar-rigward ta' l-imsemmi kreditu ta' l-appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech għall-manteniment minnhom prestat lill-ġenituri tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech;

U konsegwentement tilqa', fil-kap devolut lil din il-Qorti, l-appell tal-konvenut Antonio Gauci nomine, billi tordna li mill-passiv ta' l-assijiet ta' Lorenzo u Grazia ġà miżżewġin Grech, ġenituri tal-kontendenti, jiġi dedott l-imsemmi kreditu mhux likwidat ta' l-appellati Michel'Angelo u Don Giorgio aħwa Grech għall-manteniment prestat lill-imsemmijin ġenituri tagħhom matul il-perijodi fis-sentenza appellata ndikati; b'dana però, li dik id-deduzzjoni għandha ssir biss a favur u fil-konfront ta' l-appellant nomine, li għalhekk għanda jieħu s-sehem tiegħu mill-assijiet likwidati bis-sentenza appellata inattiż dak il-kreditu miġjub fil-passiv ta' l-assijiet bis-sentenza appellata likwidati. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza relativi għall-kap appellat jitħallsu mill-atturi Michel'Angelo u Don

Giorgio aħwa Grech, u dawk ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru kontra l-imsemmijin *Michel' Angelo* u *Don Giorgio aħwa Grech*;

U fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza appellata; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti.

---